

Brussell, 10 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15217/23

STATIS 74  
SOC 749  
ENV 1267  
ENER 607  
EMPL 542  
EDUC 430  
ECOFIN 1161  
DELECT 177

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2023) 7406 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 7.11.2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli għas-suġġett <i>ad hoc</i> għall-2025 "Enerġija u ambjent" fid-dominju tal-introjt u l-kundizzjonijiet tal-għajxien

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2023) 7406 final.

Mehmuż: C(2023) 7406 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 7.11.2023  
C(2023) 7406 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 7.11.2023**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
billi jispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli għas-suġġett *ad hoc* għall-2025 “Enerġija  
u ambjent” fid-dominju tal-introjt u l-kundizzjonijiet tal-għajxien**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2019/1700<sup>1</sup> jistabbilixxi regoli komuni għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-persuni u l-unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali, miġbura minn kampjuni. Jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati li jispeċifikaw in-numru u t-titolu tal-varjabbli tas-settijiet differenti ta' *data*. Skont l-Artikolu 6(2), in-numru tal-varjabbli stabbiliti fl-att delegat ma għandux jaqbeż b'aktar minn 5% n-numru tal-varjabbli għal kull dominju ta' dawk li diġà huma meħtieġa mill-Kummissjoni (Eurostat) fit-3 ta' Novembru 2019.

Skont l-Anness IV tar-Regolament (UE) 2019/1700, id-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien (ILC), fuq perjodu ta' 6 snin, se jipprovdi:

(a) *data* bażika; (B) *data* ta' kull tliet snin u ta' kull sitt snin dwar seba' suġġetti rikorrenti; u (c) *data* dwar tliet suġġetti *ad hoc*.

Skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/256<sup>2</sup>, fl-2025, fid-dominju tal-ILC, għandha tinġabar *data* dwar is-suġġett *ad hoc* "Enerġija u ambjent". Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi adottat att delegat li jispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli għal dak is-suġġett *ad hoc*.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

Il-Kummissjoni kkonsultat lil esperti nazzjonali fil-qasam tal-istatistika soċjali bħala parti mil-laqgħa tal-grupp ta' esperti dwar il-lista tal-varjabbli li għandhom jiġu inklużi fl-att delegat. Id-Diretturi Ewropej tal-Istatistika Soċjali ġew ikkonsultati f'Ġunju 2023. Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma tal-ILC ġew ikkonsultati f'Diċembru 2022, f'April 2023, u f'Mejju 2023. Il-membri tat-task force dwar l-iżviluppi tal-metodoloġija fl-istatistika tal-UE dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien (UE-SILC) ġew ikkonsultati f'Marzu 2023. Ġie kkonsultat ukoll il-grupp ta' esperti tal-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

Dan ir-Regolament delegat għandu l-għan li jadotta n-numru u t-titolu tal-varjabbli għas-suġġett *ad hoc* għall-2025, kif previst fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2019/1700.

-

<sup>1</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti \(KE\) Nru 808/2004, \(KE\) Nru 452/2008 u \(KE\) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament \(KE\) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill \(KE\) Nru 577/98](#)

<sup>2</sup> [Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni \(UE\) 2020/256 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament \(UE\) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi pjanar kontinwu pluriennali.](#)

Flimkien mal-varjabbli annwali inklużi fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/2242, in-numru tal-varjabbli li għandhom jinġabru fl-2025 ma jaqbiżx b'aktar minn 5% in-numru tal-varjabbli miġbura għad-dominju tal-ILC meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/1700, u b'hekk jissodisfa r-rekwiżit tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2019/1700.

L-att delegat ma għandu l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

L-att delegat jikkonċerna kwistjoni marbuta maż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u għalhekk jenħtieġ li l-applikazzjoni tiegħu tkun estiża għaż-ŻEE.

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 7.11.2023

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli għas-suġġett *ad hoc* għall-2025 “Enerġija u ambjent” fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jstabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98<sup>3</sup>, u partikolarment l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien, stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2019/1700, jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għas-Semestru Ewropew<sup>4</sup> u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali<sup>5</sup>, b'mod partikolari dwar id-distribuzzjoni tal-introjtu, il-faqar u l-eskluzzjoni soċjali. Jipprovdi wkoll informazzjoni għal diversi politiki oħra tal-Unjoni relatati mal-kundizzjonijiet tal-għajxien u mal-faqar.
- (2) Is-suġġett *ad hoc* li għalih għandha tinġabar id-*data* fl-2025 dwar “Enerġija u ambjent” f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/256<sup>6</sup> huwa importanti ħafna, speċjalment fid-dawl tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni

■

<sup>3</sup> ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1.

<sup>4</sup> Is-Semestru Ewropew huwa l-qafas tal-Unjoni Ewropea għall-koordinazzjoni u s-sorveljanza tal-politiki ekonomiċi u soċjali.

<sup>5</sup> Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni pproklamaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fl-2017 waqt is-Summit ta' Gothenburg. Il-Pilastru jstabbilixxi 20 prinċipju ewlieni li jiggwidawna lejn Ewropa soċjali b'saħħitha li tkun ġusta, inklużiva u mimlija opportunitajiet fis-seklu 21.

<sup>6</sup> [Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni \(UE\) 2020/256 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament \(UE\) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jstabbilixxi ppjanar kontinwu pluriennali.](#)

“Lesti għall-mira ta’ 55%”<sup>7</sup> li tipprevedi proposta għal rakkomandazzjoni<sup>8</sup> dwar l-iżgurar ta’ tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika.

- (3) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tispesifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli għas-suġġett *ad hoc* “Enerġija u ambjent”.
- (4) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2019/1700, in-numru tal-varjabbli li jridu jinġabru ma għandux jaqbeż b’aktar minn 5% n-numru tal-varjabbli miġbura għad-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien fit-3 ta’ Novembru 2019,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

In-numru u t-titolu tal-varjabbli għas-suġġett *ad hoc* għall-2025 dwar “Enerġija u ambjent” fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien, huma stabbiliti fl-Anness.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7.11.2023

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*

—

<sup>7</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Lesti għall-mira ta’ 55%”: Nilħqu l-Mira Klimatika tal-UE għall-2030 fi Triqitna lejn in-Newtralità Klimatika”, COM(2021) 550 final.

<sup>8</sup> Il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta’ tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika, COM(2021) 801 final.